

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/578

tal-11 ta' April 2016

### li tistabbilixxi Programm ta' Ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 281 tiegħu,

Billi:

- (1) L-Artikolu 280 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem, "il-Kodiċi") jipprovdi li l-Kummissjoni tfassal programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi (minn hawn 'il quddiem, "il-Programm ta' Ħidma"). L-ewwel Programm ta' Ħidma ġie adottat bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/255/UE <sup>(2)</sup>. Jinħtieġ li dak il-programm jiġi aġġornat. Minħabba l-għadd ta' tibdiliet li huma meħtieġa fid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE u għal raġunijiet ta' ċarezza, jixraq li dik id-Deċiżjoni tiġi sostitwita u revokata.
- (2) Il-Programm ta' Ħidma huwa importanti b'mod partikolari għat-twaqqif tal-miżuri tranżizzjonali relatati mas-sistemi elettroniċi u mal-iskadenza għat-tnedija tas-sistemi li għadhom mhumiex operattivi sad-data tal-applikazzjoni tal-Kodiċi, l-1 ta' Mejju 2016. Għalhekk, il-Programm ta' Ħidma huwa meħtieġ biex jistabbilixxi l-perjodi tranżizzjonali relatati mas-sistemi elettroniċi stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 <sup>(3)</sup>, fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 <sup>(4)</sup> u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 <sup>(5)</sup>.
- (3) Il-Kodiċi jipprovdi li kull skambju ta' informazzjoni bejn l-awtoritajiet doganali u bejn l-operaturi ekonomiċi u l-awtoritajiet doganali u l-ħżin ta' din l-informazzjoni, għandhom isiru permezz ta' metodi elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta u li s-sistemi tal-informazzjoni u tal-komunikazzjoni joffru l-istess faċilitajiet lill-operaturi ekonomiċi fl-Istati Membri kollha. Għalhekk, il-Programm ta' Ħidma għandu jistabbilixxi pjan estensiv għall-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi sabiex tkun żgurata l-applikazzjoni korretta tal-Kodiċi.
- (4) Għaldaqstant, il-Programm ta' Ħidma għandu jkun fih lista tas-sistemi elettroniċi li għandhom jiġu mħejjija u żviluppati mill-Istati Membri ("is-sistemi nazzjonali") jew mill-Istati Membri f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni ("is-sistemi trans-Ewropej"), sabiex il-Kodiċi jsir applikabbli fil-prattika. Din il-lista għandha tkun ibbażata fuq id-dokument ta' ppjanar eżistenti marbut mal-proġetti doganali kollha relatati mal-IT, imsejjaħ il-pjan strateġiku

<sup>(1)</sup> ĠUL 269, 10.10.2013, p. 1.

<sup>(2)</sup> Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2014/255/UE tad-29 ta' April 2014 li tistabbilixxi l-Programm ta' Ħidma għall-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠUL 134 7.5.2014, p. 46).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2015/2446 tat-28 ta' Lulju 2015 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward ta' regoli dettaljati li jikkonċernaw uħud mid-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠUL 343, 29.12.2015, p. 1).

<sup>(4)</sup> Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341 tas-17 ta' Diċembru 2015 li jissupplimenta r-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tar-regoli tranżizzjonali għal ċerti dispożizzjonijiet tal-Kodiċi Doganali tal-Unjoni meta s-sistemi elettroniċi rilevanti ma jkunux għadhom bdew jitħaddmu u li jemenda r-Regolament Delegat (UE) 2015/2446 (ĠUL 69, 15.3.2016, p. 1).

<sup>(5)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/2447 tal-24 ta' Novembru 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-implimentazzjoni ta' ċerti dispożizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (ĠUL 343, 29.12.2015, p. 558).

pluriennali (“MASP”), li tfassal skont id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill <sup>(1)</sup> u b'mod partikolari l-Artikolu 4 u l-Artikolu 8(2) tagħha. Is-sistemi elettroniċi msemmija fil-Programm ta' Ħidma għandhom ikunu soġġetti għall-istess approċċ ta' ġestjoni tal-proġetti u għandhom jitħejjew u jiġu żviluppatti kif stabbilit fil-MASP.

- (5) Il-Programm ta' Ħidma għandu jidentifika s-sistemi elettroniċi kif ukoll il-bażi ġuridika relatata, il-miri ewlenin u d-dati previsti biex jibdew l-operazzjonijiet. Id-dati msemmija bħala “d-dati tal-bidu tat-tnedija” għandhom ikunu d-dati l-aktar kmieni li minnhom l-Istati Membri jkunu kapaċi jibdew iħaddmu s-sistema elektronika ġdida. Barra minn hekk, il-programm ta' ħidma għandu jiddefinixxi “d-dati tat-tmiem tat-tnedija” bħala d-dati l-aktar tard li fihom l-Istati Membri kollha u l-operaturi ekonomiċi kollha jibdew jużaw is-sistema elektronika ġdida jew aġġornata kif meħtieġ skont il-Kodiċi. Dawn it-twieqi ta' żmien jinħtieġu għall-implimentazzjoni tat-tnedija tas-sistema fil-livell tal-Unjoni. It-tul tat-twieqi taż-żmien għandu jqis il-bżonnijiet tat-tnedija ta' kull sistema.
- (6) Il-limiti ta' żmien għat-tnedija tas-sistemi trans-Ewropej għandhom jiġu stabbiliti jew permezz ta' dati speċifiċi jew, fejn meħtieġ, permezz ta' twieqi ta' żmien. Dawn it-twieqi ta' żmien għandhom ikunu limitati għal dak li huwa neċessarju għall-migrazzjoni tas-sistema attwali użata mill-Istati Membri u mill-operaturi ekonomiċi għas-sistema l-ġdida. Fil-limiti ta' dawn it-twieqi ta' żmien, l-Istati Membri għandhom ikunu jistgħu jiddeċiedu meta jibdew u jtemmu l-migrazzjoni tas-sistemi tagħhom u biex l-operaturi ekonomiċi jużaw u jagħmlu konnessjoni mas-sistemi l-ġodda. Id-data tat-tmiem stabbilita minn kull Stat Membru għandha tikkostitwixxi d-data tat-tmiem tal-validità tal-perjodu marbut mar-regoli tranżizzjonali għas-sistemi elettroniċi rilevanti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, fir-Regolament Delegat (UE) 2016/341 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.
- (7) Il-limiti ta' żmien għat-tnedija u l-migrazzjoni tas-sistemi nazzjonali għandhom jiġu stabbiliti skont il-pjanijiet nazzjonali tal-proġetti u tal-migrazzjoni tal-Istati Membri peress li dawn is-sistemi jappartjenu għall-ambjenti u ċ-ċirkostanzi nazzjonali tal-IT speċifiċi. Id-data tat-tmiem stabbilita minn kull Stat Membru għandha tikkostitwixxi d-data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali marbut mas-sistemi elettroniċi rilevanti stabbiliti fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, fir-Regolament Delegat (UE) 2016/341 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447. Għal raġunijiet ta' trasparenza, u skont l-Artikolu 56(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2016/341, l-Istati Membri għandhom jissottomettu l-ippjanar nazzjonali tagħhom lill-Kummissjoni, u l-Kummissjoni għandha tippubblika dak l-ippjanar fuq is-sit web Europa. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandhom, fi żmien debitu, jiżguraw it-trażmissjoni lill-operaturi ekonomiċi tal-informazzjoni teknika meħtieġa biex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jaġġornaw is-sistemi tagħhom, meta jkun hemm bżonn, u jagħmlu konnessjoni mas-sistemi l-ġodda jew aġġornati u japplikaw ir-regoli u r-rekwiżiti tad-dejta l-ġodda, filwaqt li japplikaw ir-rakkomandazzjonijiet mogħtija mill-Istati Membri fil-gwidi nazzjonali tagħhom ta' prattiki tajba tal-IT.
- (8) Is-sistemi elettroniċi msemmija fil-Programm ta' Ħidma għandhom ikunu magħżula fid-dawl tal-impatt mistenni tagħhom f'termini tal-prijoritajiet definiti fil-Kodiċi. Waħda mill-prijoritajiet ewlenin f'dan ir-rigward hija li l-operaturi ekonomiċi jkunu offruti firxa wiesgħa ta' servizzi doganali elettroniċi fit-territorju doganali sħiħ tal-Unjoni. Barra minn hekk, is-sistemi elettroniċi għandu jkollhom l-għan li jtejbju l-effiċjenza, l-effettività u l-armonizzazzjoni tal-proċessi doganali madwar l-Unjoni. L-ordni u l-iskeda tat-tnedija tas-sistemi inklużi fil-Programm ta' Ħidma għandhom ikunu bbażati fuq konsiderazzjonijiet prattiċi u tal-ġestjoni tal-proġetti bħat-tixrid tal-isforzi u tar-riżorsi, l-interkonnessjoni bejn il-proġetti, il-prerekwiżiti speċifiċi ta' kull sistema u l-maturità tal-proġett. Il-Programm ta' Ħidma għandu jorganizza l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi fi stadji differenti. Minħabba l-għadd sostanzjali ta' sistemi u interfaċċi li għandhom jiġu żviluppatti, immedija u miżmuma u minħabba l-ispejjeż għoljin involuti biex jimplementaw bis-sħiħ il-Programm ta' Ħidma sas-sena 2020, għandhom jiġu żgurati segwitu u monitoraġġ mill-qrib.
- (9) Filwaqt li s-sistemi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 16(1) tal-Kodiċi għandhom jiġu żviluppatti, immedija u miżmuma mill-Istati Membri, f'kooperazzjoni mal-Kummissjoni, il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaħdmu flimkien biex jiżguraw li t-tnejja u l-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi jiġu ġestiti f'konformità mal-Programm ta' Ħidma u li jittieħdu l-miżuri xierqa biex is-sistemi identifikati jiġu pplanati, imfassla, żviluppatti u mnedija b'mod ikkoordinat u f'waqtu.
- (10) Sabiex tiġi żgurata s-sinkroniċità bejn il-Programm ta' Ħidma u l-MASP, il-Programm ta' Ħidma għandu jiġi aġġornat fl-istess ħin bħall-MASP u għandu jiġi allinjat mal-MASP. Fl-istabbiliment ta' aġġornamenti futuri tal-Programm ta' Ħidma ser ikun meħtieġ li tingħata attenzjoni partikolari lill-progress miksub kull sena fl-ilħiq tal-miri miftiehma stabbiliti, minħabba n-natura ambizzjuża u diffiċli tas-sistemi elettroniċi li għandhom jiġu ffinalizzati fis-sni 2019 u 2020 kif ukoll minħabba l-konċentrazzjoni tax-xogħol ippjanat bħalissa għas-sni 2019 u 2020.

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni Nru 70/2008/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Jannar 2008 dwar ambjent mingħajr karti għad-dwana u l-kummerċ (ĠUL 23, 26.1.2008, p. 21).

(11) Il-miżuri stipulati f'din id-deċiżjoni huma skont l-opinjoni tal-Kumitat tal-Kodiċi Doganali,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

#### *Artikolu 1*

### **Il-Programm ta' Ħidma**

Il-Programm ta' Ħidma marbut mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti mill-Kodiċi Doganali tal-Unjoni (minn hawn 'il quddiem, il-"Programm ta' Ħidma"), kif stabbilit fl-Anness, huwa b'dan adottat.

#### *Artikolu 2*

### **Implimentazzjoni**

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jikkooperaw fl-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma.
2. L-Istati Membri għandhom jiżviluppaw u jniedu s-sistemi elettroniċi rilevanti sad-dati tat-tmien tat-twieqi tat-tnedija rilevanti stabbiliti fil-Programm ta' Ħidma.
3. Il-proġetti speċifikati fil-Programm ta' Ħidma u t-tnejja u l-implimentazzjoni tas-sistemi elettroniċi relatati għandhom ikunu ġestiti b'mod konsistenti mal-Programm ta' Ħidma u mal-pjan strateġiku pluriennali ("MASP").
4. Il-Kummissjoni għandha tieħu l-impenn li ssib fehim u qbil komuni mal-Istati Membri dwar l-ambitu tal-proġett, it-tfassil, ir-rekwiżiti u l-arkitettura tas-sistemi elettroniċi sabiex jibdeu il-proġetti tal-Programm ta' Ħidma. Fejn ikun rilevanti, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta wkoll l-operaturi ekonomiċi u tikkunsidra l-fehmiet tagħhom.

#### *Artikolu 3*

### **Aġġornamenti**

1. Il-Programm ta' Ħidma għandu jiġi soġġett għal aġġornamenti regolari sabiex ikun żgurat li jkun allinjat u aġġustat skont l-aħħar żviluppi fl-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 952/2013, u biex jitqies il-progress attwali li jkun sar fit-tnejja u l-iżvilupp tas-sistemi elettroniċi, b'mod partikolari fir-rigward tad-disponibbiltà tal-ispeċifikazzjonijiet maqbula b'mod komuni u tar-realizzazzjoni tat-tħaddim tas-sistemi elettroniċi.
2. Sabiex tiġi żgurata s-sinkroniċità bejn il-Programm ta' Ħidma u l-MASP, il-Programm ta' Ħidma għandu jiġi aġġornat mill-anqas kull sena.

#### *Artikolu 4*

### **Komunikazzjoni u Governanza**

1. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri għandhom jaqsmu l-informazzjoni dwar l-ippjanar u l-progress fl-implimentazzjoni ta' kull waħda mis-sistemi.

2. Mhux iktar tard minn sitt xhur qabel id-data ppjanata tat-tnedija għal sistema tal-IT partikolari, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw il-pjanijiet nazzjonali tal-proġetti u tal-migrazzjoni. Dawk il-pjanijiet għandhom jinkludu l-informazzjoni li ġejja:

- id-data tal-pubblikazzjoni tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi għall-komunikazzjoni esterna tas-sistema elettronika;
- il-perjodu tat-testijiet tal-konformanza mal-operaturi ekonomiċi;
- id-dati tat-tnedija tas-sistema elettronika, inkluż il-bidu tal-operazzjonijiet, u, fejn applikabbli, il-perjodu li matulu l-operaturi ekonomiċi jkunu awtorizzati jagħmlu l-migrazzjoni.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni b'kull aġġornament tal-pjanijiet nazzjonali tal-proġetti u tal-migrazzjoni.

4. Il-Kummissjoni għandha tippubblika l-pjanijiet nazzjonali tal-proġetti u tal-migrazzjoni fuq is-sit web tagħha.

5. L-Istati Membri għandhom jagħmlu disponibbli l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi marbuta mal-komunikazzjoni esterna tas-sistema elettronika nazzjonali lill-operaturi ekonomiċi fil-ħin.

#### *Artikolu 5*

#### **Tħassir**

1. Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni 2014/255/UE hija mħassra.
2. Ir-referenzi għad-Deċiżjoni mħassra għandhom jiġu mifhuma bħala referenzi għal din id-Deċiżjoni.

#### *Artikolu 6*

#### **Dħul fis-seħħ**

Din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, il-11 ta' April 2016.

Għall-Kummissjoni  
Il-President  
Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX

**Il-programm ta' ħidma relatat mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni**

## I. INTRODUZZJONI TAL-PROGRAMM TA' ĦIDMA

1. Il-Programm ta' Ħidma jipprovdi strument li jappoġġa l-applikazzjoni tal-Kodiċi fir-rigward tal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi previsti fiha.
2. L-għan tal-Programm ta' Ħidma huwa wkoll li jiġu speċifikati perjodi li matulhom ikunu applikabbli l-miżuri tranżizzjonali sat-tnedija tas-sistemi elettroniċi l-ġodda jew aġġornati kif imsemmi fir-Regolament Delegat (UE) 2015/2446, fir-Regolament Delegat (UE) 2016/341 u fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2015/2447.
3. Il-"pass ewlieni" f'termini tad-data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi, għandu jinftehem bħala d-data li fiha ssir disponibbli verżjoni stabbli tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi. Għas-sistemi jew il-komponenti nazzjonali, din id-data għandha tiġi kkomunikata bħala parti mill-ippjanar nazzjonali tal-proġetti ppubblikati.
4. Il-Programm ta' Ħidma jistabbilixxi d-"dati tat-tnedija" tas-sistema trans-Ewropea u tas-sistemi nazzjonali:
  - (a) id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija għas-sistemi elettroniċi, li għandha tinftiehem bħala l-aktar data kmieni għall-bidu tal-operazzjonijiet tas-sistema elektronika;
  - (b) id-data ta' tmiem tat-tieqa tat-tnedija għas-sistemi elettroniċi, li għandha tinftiehem bħala
    - l-aħħar data sa meta s-sistemi jeħtieġ jitħaddmu mill-Istati Membri kollha u jintużaw mill-operaturi ekonomiċi kollha, u kif ukoll
    - id-data tat-tmiem tal-validità tal-perjodu tranżizzjonali.Għall-finijiet tal-punt (b), id-data se tkun l-istess bħal dik tal-bidu f'każ li ma tkun prevista ebda tieqa ta' żmien reali (tnedija jew migrazzjoni).
5. Għal sistemi purament nazzjonali jew għal komponenti nazzjonali speċifiċi ta' proġett usa' tal-Unjoni, l-Istati Membri jistgħu jiddeċiedu dwar id-"dati tat-tnedija" kif ukoll dwar id-data tal-bidu u d-data tat-tmiem ta' tieqa ta' tnedija skont l-ippjanar nazzjonali tal-proġetti tagħhom.

Dawn is-sistemi nazzjonali jew dawn il-komponenti nazzjonali speċifiċi huma koperti mill-ewwel paragrafu:

- (a) AES tal-KDU — Komponent 2 (aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Esportazzjoni) (il-punt 10 tal-Parti II);
  - (b) Proċeduri Speċjali tal-KDU (SP IMP/SP EXP) (il-punt 12 tal-Parti II);
  - (c) Notifika tal-wasla tal-KDU, Notifika tal-Preżentazzjoni u Ħżin Temporanju (il-punt 13 tal-Parti II);
  - (d) aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni tal-KDU (il-punt 14 tal-Parti II);
  - (e) Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU — il-Komponent 2 (il-punt 16 tal-Parti II).
6. Għal sistemi trans-Ewropej b'tieqa tat-tnedija reali mingħajr data waħda tal-implimentazzjoni, l-Istati Membri jistgħu jibdeu it-tnedija f'data xierqa f'din it-tieqa u jistgħu jippermettu perjodu ta' żmien biex l-operaturi ekonomiċi jemigraw f'din it-tieqa tat-tnedija, fejn tali perjodu ta' żmien jitqies li huwa xieraq. Id-dati tal-bidu u t-tmiem għandhom jiġu kkomunikati lill-Kummissjoni. Jeħtieġ jiġi kkunsidrat eżami bir-reqqa tal-aspetti komuni tal-qasam.

Dawn is-sistemi trans-Ewropej huma koperti mill-ewwel paragrafu:

- (a) Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU (PoUS) (il-punt 8 tal-Parti II),
- (b) aġġornament tal-NCTS tal-KDU (il-punt 9 tal-Parti II);
- (c) AES tal-KDU (il-Komponent 1) (il-punt 10 tal-Parti II).

7. Fid-dawl tal-implimentazzjoni tal-Programm ta' Ħidma, il-Kummissjoni u l-Istati Membri jeħtieġ li jimmaniġjaw bir-reqqa l-komplessità f'termini tad-dipendenzi, tal-fatturi varjabbli u tas-suppożizzjonijiet. Il-prinċipji stipulati fil-MASP se jintużaw biex iġestixxu l-ippjanar.

Il-proġetti se jsiru f'fażijiet differenti mill-elaborazzjoni għall-kostruzzjoni, mill-ittestjar u l-migrazzjoni għall-operazzjoni finali. Ir-rwol tal-Kummissjoni u tal-Istati Membri f'dawn il-fażijiet differenti se jiddependi fuq in-natura u l-arkitettura tas-sistemi u l-komponenti jew is-servizzi tagħhom kif deskritt fl-iskedi ta' proġetti dettaljati tal-MASP. Fejn xieraq, l-ispeċifikazzjonijiet tekniċi komuni jiġu definiti mill-Kummissjoni, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri u soġġetti għal rieżami magħhom, bil-ħsieb li jipprovdhomm 24 xahar qabel id-data fil-mira tat-tnedija tas-sistema elettronika. L-ispeċifikazzjonijiet tekniċi mfassla nazżjonalment għas-sistemi jew għall-komponenti nazżjonali meħtieġa għandhom isiru disponibbli fil-ħin, tal-inqas fir-rigward tal-partijiet relatati mal-komunikazzjoni esterna mal-operaturi ekonomiċi, sabiex l-operaturi ekonomiċi jkunu jistgħu jippjanaw u jaġġustaw is-sistemi u l-interfaċċi tagħhom skont il-bżonn.

L-Istati Membri, u fejn ikun xieraq, il-Kummissjoni, se jieħdu sehem fl-iżvilupp u fit-tnedija tas-sistemi, skont l-arkitettura u l-ispeċifikazzjonijiet definiti tas-sistema. L-attivitajiet se jitwettqu fir-rigward tal-passi ewlenin u d-dati msemmija fil-Programm ta' Ħidma. Il-Kummissjoni u l-Istati Membri se jikkooperaw ukoll mal-operaturi ekonomiċi u ma' partijiet ikkonċernati oħra.

L-operaturi ekonomiċi jkollhom jieħdu l-passi meħtieġa biex ikunu jistgħu jużaw is-sistemi ladarba jkunu fis-seħħ u mhux aktar tard mid-dati tat-tmiem definiti f'dan il-Programm ta' Ħidma jew, fejn applikabbli, id-dati definiti mill-Istati Membri bħala parti mill-pjan nazżjonali tagħhom.

II. LISTA TA' PROĠETTI RELATATI MAL-IŻVILUPP U T-TNEDIJA TAS-SISTEMI ELETTRONIĊI

A. **Lista sħiħa**

"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika (1)	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika (2) = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
<p><b>1. Sistema tal-Esportatur Reġistrat (REX) tal-KDU</b></p> <p>Il-proġett għandu l-għan li jagħmel disponibbli l-informazzjoni aġġornata dwar Esportaturi Registrati stabbiliti f'pajjiżi tas-Sistema Ġeneralizzata ta' Preferenzi (SGP) li jespertaw merkanzija lejn l-Unjoni. Is-sistema se tkun ukoll sistema trans-Ewropea u se tinkludi wkoll dejta dwar l-operaturi ekonomiċi tal-UE bil-għan li tappoġġa l-esportazzjonijiet lejn il-pajjiżi tas-SGP. Id-dejta meħtieġa se tiddaħħal fis-sistema b'mod gradwali sal-31 ta' Diċembru 2017.</p>	<p>L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 64 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013</p>	<p>Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2015</p>	<p>1.1.2017</p>	<p>1.1.2017</p>
<p><b>2. Sistema tal-Infommazzjoni Vinkolanti dwar it-Tariffi (BTI) tal-KDU</b></p> <p>Il-proġett għandu l-għan li jipprova aġġornament tas-sistema trans-Ewropea EBTI-3 u tas-sistema Sorveljanza 2 eżistenti biex jiġi żgurat dan li ġej:</p> <p>(a) l-allinjament tas-sistema EBTI-3 mar-rekwiżiti tal-KDU;</p> <p>(b) l-estensjoni tad-dejta tad-dikjarazzjoni rikjesta fl-ambitu tas-sorveljanza;</p> <p>(c) il-monitoraġġ tal-użu obbligatorju tal-BTI;</p> <p>(d) il-monitoraġġ u l-ġestjoni tal-użu estiż tal-BTI.</p> <p>Il-proġett se jiġi implimentat f'żewġ fażijiet.</p> <p>L-ewwel fażi se tipprowdi, l-ewwel nett, il-funzjonalità biex tirċievi s-sett tad-dejta tad-dikjarazzjoni meħtieġa tal-KDU (jiġifieri, il-pass 1) mill-1 ta' Marzu 2017 b'mod gradwali sal-implimentazzjoni tal-proġetti elenkati fil-punti 10 u 14 ta' hawnhekk (u mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2020), u t-tieni nett, se tissodisfa l-obbligu tal-kontroll tal-użu tal-BTI abbażi tas-sett tad-dejta tad-dikjarazzjoni li tkun għadha kif ġiet rikjesta u l-allinjament mal-proċess tad-deċiżjonijiet doganali (jiġifieri, il-pass 2).</p> <p>It-tieni fażi se timplimenta l-formola elettronika tal-applikazzjoni u tad-deċiżjoni tal-BTI u se tipprowdi lill-operaturi ekonomiċi b'interfaċċa armonizzata għall-kummerċjanti tal-UE biex jissottomettu l-applikazzjoni tal-BTI u jirċievu d-deċiżjoni tal-BTI b'mod elettroniku.</p>	<p>L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16,22, 23, 26, 27, 28, 33 u 34 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013</p>	<p>Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q2 2016 (il-faży 1)</p> <p>Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2016 (il-faży 2)</p>	<p>1.3.2017 (il-faży 1 — il-pass 1)</p> <p>1.10.2017 (il-faży 1 — il-pass 2)</p> <p>1.10.2018 (il-faży 2)</p>	<p>1.3.2017 (il-faży 1 — il-pass 1)</p> <p>1.10.2017 (il-faży 1 — il-pass 2)</p> <p>1.10.2018 (il-faży 2)</p>

<p>“Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati” Lista ta’ proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi</p>	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(1)</sup>	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(2)</sup> = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
<p><b>3. Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU</b></p> <p>Il-proġett għandu l-għan li jarmonizza l-proċessi relatati mal-applikazzjoni għal deċiżjoni doganali, mat-teħid tad-deċiżjonijiet u mal-ġestjoni tad-deċiżjonijiet permezz tal-istandardizzazzjoni u tal-ġestjoni elettronika tad-dejta tal-applikazzjoni u tad-deċiżjoni/tal-awtorizzazzjoni madwar l-Unjoni Ewropea. Il-proġett huwa marbut mad-deċiżjonijiet nazzjonali u mad-deċiżjonijiet bejn diversi Stati Membri definiti mill-Kodiċi u se jkopri l-komponenti tas-sistema żviluppata b’mod ċentralizzat fil-livell tal-Unjoni u se wkoll l-integrazzjoni mal-komponenti nazzjonali fejn l-Istati Membri jkunu għażlu din l-opzjoni. Din is-sistema trans-Ewropea se tiffaċilita l-konsultazzjonijiet matul il-perjodu tat-teħid tad-deċiżjonijiet u l-ġestjoni tal-proċess tal-awtorizzazzjonijiet.</p> <p>Din is-sistema trans-Ewropea tikkonsisti f’portal tal-kumerċjanti tal-UE, sistema tal-ġestjoni tad-deċiżjonijiet doganali, u sistema ta’ referenza tal-klijenti.</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16,22, 23, 26, 27 u 28 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q4 2015	2.10.2017	2.10.2017
<p><b>4. Aċċess dirett min-negozjanti għas-Sistemi tal-Infommazzjoni Ewropea (Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u Firma Diġitali)</b></p> <p>L-għan ta’ dan il-proġett huwa li jipprovdi soluzzjonijiet prattikabbli għal aċċess dirett u armonizzat min-negozjanti tal-UE bħala servizz biex l-interfaċċi “utent mas-sistema” jiġu integrati fis-sistemi doganali elettroniċi kif definit fil-proġetti speċifiċi tal-KDU. Il-Ġestjoni Uniformi tal-Utenti u l-Firma Diġitali se jiġu integrati fil-portali tas-sistemi kkonċernati u se jinkludi appoġġ għall-identità, għall-aċċess u għall-ġestjoni tal-utenti konformi mal-politiki tas-sigurtà meħtieġa.</p> <p>L-ewwel tnedija hija prevista flimkien mas-sistema tad-Deċiżjonijiet Doganali tal-KDU.</p> <p>Imbagħad, din is-soluzzjoni teknika għall-awtentikazzjoni u għall-ġestjoni tal-utenti ser tkun disponibbli għall-użu fi proġetti oħra tal-KDU bħall-BTI tal-KDU, l-aġġornament tal-AEO tal-KDU, is-sistema tal-Prova tal-Istatus tal-Unjoni tal-KDU u potenzjalment ukoll is-sistema tad-Dokumenti tal-Infommazzjoni (INF) tal-KDU għall-Proċeduri Speċjali. Ara l-proġetti differenti dwar id-dati tat-tnedija.</p>	L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q4 2015	2.10.2017	2.10.2017



"Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati" Lista ta' proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(1)</sup>	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(2)</sup> = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
<p><b>5. Aġġornament tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (AEO) tal-KDU</b></p> <p>Il-proġett għandu l-għan li jtejjeb il-proċessi tan-negozju relatati mal-applikazzjonijiet u awtorizzazzjonijiet tal-AEO filwaqt li jitqiesu l-bidliet tad-dispożizzjonijiet legali tal-KDU.</p> <p>Fl-ewwel fażi, il-proġett għandu l-għan li jimplementa t-titjib ewlieni lis-sistema tal-AEO fid-dawl tal-armonizzazzjoni tal-proċedura doganali tat-teħid tad-deċiżjonijiet.</p> <p>Fit-tieni fażi, il-proġett se jimplementa l-formola elettronika tal-applikazzjoni u tad-deċiżjoni tal-AEO u se jipprovdi lill-operaturi ekonomiċi b'interfaċċa armonizzata għall-kummerċanti tal-UE biex jissottomettu l-applikazzjoni tal-AEO u jirċievu d-deċiżjoni tal-AEO b'mod elettroniku.</p>	<p>L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16, 22, 23, 26, 27, 28, 38 u 39 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013</p>	<p>Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2016</p> <p>Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2017</p>	<p>1.3.2018 (il-fażi 1)</p> <p>1.10.2019 (il-fażi 2)</p>	<p>1.3.2018 (il-fażi 1)</p> <p>1.10.2019 (il-fażi 2)</p>
<p><b>6. Aġġornament tas-Sistema ta' Reġistrazzjoni u Identifikazzjoni tal-Operatur Ekonomiku tal-KDU (EORI 2)</b></p> <p>Dan il-proġett għandu l-għan li jipprovdi aġġornament minuri lis-sistema EORI trans-Ewropea eżistenti li tippermetti r-reġistrazzjoni u l-identifikazzjoni ta' operaturi ekonomiċi tal-Unjoni u operaturi ta' pajjiżi terzi, kif ukoll persuni oħra li mhumx operaturi ekonomiċi li huma attivi fi kwistjonijiet doganali fl-Unjoni.</p>	<p>L-Artikolu 6(1) u l-Artikolu 9 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013 li jistabbilixxi l-Kodiċi Doganali tal-Unjoni</p>	<p>Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q2 2016</p>	<p>1.3.2018</p>	<p>1.3.2018</p>
<p><b>7. Sorveljanza 3 tal-KDU</b></p> <p>Dan il-proġett għandu l-għan li jipprovdi aġġornament tas-sistema tas-Sorveljanza 2+ li tiżgura l-allinjament tagħha mar-rekwiżiti tal-KDU bħall-iskambju standard ta' informazzjoni b'metodi elettroniċi tal-ipproċessar tad-dejta u l-istabbiliment tal-funzjonalitajiet adegwati meħtieġa għall-ipproċessar u l-analiżi tas-sett sħiħ tad-dejta tas-sorveljanza miksuba mill-Istati Membri.</p> <p>Għaldaqstant dan se jinkludi aktar kapaċitajiet għall-estrazzjoni tad-dejta u funzjonalitajiet tar-rappurtar li għandhom isiru disponibbli lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri.</p>	<p>L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 56(5) tar-Regolament (UE) Nru 952/2013</p>	<p>Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2016</p>	<p>1.10.2018</p>	<p>1.10.2018</p>

“Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati” Lista ta’ proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(1)</sup>	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(2)</sup> = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
<p><b>8. Prova ta’ Status tal-Unjoni tal-KDU (PoUS)</b></p> <p>Il-proġett jimmira li joħloq sistema trans-Ewropea ġdida biex taħżen, timanigġja u tirkupra l-Provi elettroniċi li ġejjin tal-Istatus tal-Unjoni: T2L/F u l-manifest doganali tal-merkanzija (maħruġ minn emittent mhux awtorizzat).</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 153 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2017	1.3.2019	1.10.2019
<p><b>9. Aġġornament tas-Sistema Ġdida ta’ Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS) tal-KDU</b></p> <p>L-għan ta’ dan il-proġett huwa li jallinja s-sistema NCTS trans-Ewropea eżistenti mar-rekwiżiti l-ġodda tal-KDU bħar-reġistrazzjoni tal-avvenimenti “en route” u bħall-allinjament tal-iskambji tal-informazzjoni mar-rekwiżiti tad-dejta tal-KDU u l-aġġornament u l-iżvilupp ta’ interfaċċi ma’ sistemi oħra.</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 226–236 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2017	1.10.2019	2.3.2020
<p><b>10. Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) tal-KDU</b></p> <p>Dan il-proġett għandu l-għan li jimplimenta r-rekwiżiti tal-KDU għall-esportazzjoni u l-ħruġ.</p> <p><i>Il-Komponent 1 — “AES Trans-Ewropea”:</i> L-għan tal-proġett huwa li tiġi żviluppata aktar is-Sistema ta’ Kontroll tal-Esportazzjoni trans-Ewropea eżistenti sabiex tiġi implimentata AES sħiħa li tkopri r-rekwiżiti tan-negozju għall-proċessi u għad-dejta li joriġinaw mill-KDU, fost l-oħrajn il-kopertura tal-proċeduri simplifikati, kunsinni ta’ ħruġ maqsuma u żdoganar ċentralizzati għall-esportazzjoni. Huwa wkoll previst li jkopri l-iżvilupp ta’ interfaces armonizzati bis-Sistema tal-Moviment tas-Sisa (EMCS) u s-Sistema Ġdida ta’ Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS). L-AES se tippermetti l-awtomazzjoni sħiħa tal-proċeduri ta’ esportazzjoni u tal-formalitajiet tal-ħruġ. L-AES tkopri partijiet li għandhom jiġu żviluppati ċentralment u nazzjonalment.</p> <p><i>Il-Komponent 2 — “Aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali ta’ Esportazzjoni”:</i> Barra minn hekk, peress illi mhumiex parti mill-AES iżda huma marbuta mill-qrib, is-sistemi nazzjonali jridu jiġu aġġornati għal elementi nazzjonali speċifiċi relatati mal-formalitajiet tal-esportazzjoni u/jew tal-ħruġ. Sa fejn dawn l-elementi ma jkollhom l-ebda impatt fuq il-qasam komuni għall-AES, jistgħu jiġu koperti minn dan il-komponent.</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16, 179 u 263–276 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q3 2017 (il-komponent 1)	1.10.2019 (il-komponent 1)	2.3.2020 (il-komponent 1)
		Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membru (il-komponent 2)	1.3.2017 (il-komponent 2)	2.3.2020 (il-komponent 2)

<p>“Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati” Lista ta’ proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi</p>	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(1)</sup>	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(2)</sup> = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
<p><b>11. Dokumenti bit-Tagħrif Ewlieni (INF) tal-KDU għal Proċeduri Speċjali</b></p> <p>L-għan ta’ dan il-proġett huwa li tiġi żviluppata sistema trans-Ewropea ġdida biex tappoġġa u tissimplifika l-proċessi tal-ġestjoni tad-dejta tal-INF u t-treatment elettroniku tad-dejta tal-INF fil-qasam tal-Proċeduri Speċjali.</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16, 215, 237–242 u 250–262 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q1 2018	2.3.2020	2.3.2020
<p><b>12. Proċeduri Speċjali tal-KDU</b></p> <p>Dan il-proġett għandu l-għan li jaċċellera, jiffaċilita u jarmonizza l-Proċeduri Speċjali madwar l-Unjoni billi jipprovdi mudelli komuni ta’ proċessi ta’ negozju. Is-sistemi nazzjonali se jimplimentaw il-bidliet tal-KDU kollha meħtieġa għall-ħżin doganali, għall-użu aħħari, għad-dħul temporanju u għall-ipproċessar intern u estern.</p> <p>Il-proġett se jiġi implimentat f’żewġ partijiet.</p> <p><i>Il-Komponent 1</i> — “SP EXP Nazzjonali”: l-għoti tas-soluzzjonijiet elettroniċi nazzjonali meħtieġa għall-attivitajiet relatati mal-esportazzjoni tal-proċeduri speċjali.</p> <p><i>Il-Komponent 2</i> — “SP IMP Nazzjonali”: l-għoti tas-soluzzjonijiet elettroniċi nazzjonali meħtieġa għall-attivitajiet relatati mal-importazzjoni tal-proċeduri speċjali.</p> <p>L-implimentazzjoni ta’ dawn il-proġetti se ssir permezz tal-proġetti elenkati fil-punti 10 u 14 ta’ dan id-dokument.</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16, 215, 237–242 u 250–262 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membru (għall-komponent 1 u 2)	1.3.2017 (il-komponent 1)	2.3.2020 (il-komponent 1)
<p><b>13. Notifika tal-Wasla tal-KDU, Notifika tal-Preżentazzjoni u tal-Ħażna Temporanja</b></p> <p>L-għan ta’ dan il-proġett huwa li jiddefinixxi l-proċessi għan-Notifika tal-Wasla tal-mezz tat-trasport, il-Preżentazzjoni tal-merkanzija (in-Notifika tal-Preżentazzjoni) u d-Dikjarazzjoni tal-Ħżin Temporanju kif deskritt fil-KDU u li jappoġġa l-armonizzazzjoni f’dan ir-rigward fost l-Istati Membri fir-rigward tal-iskambju tad-dejta bejn il-kummerċ u d-dwana.</p> <p>Il-proġett ikopri l-awtomazzjoni tal-proċessi fil-livell nazzjonali.</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 133–152 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membru	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali

“Proġetti tal-KDU u Sistemi Elettroniċi relatati” Lista ta’ proġetti relatati mal-iżvilupp u t-tnedija tas-sistemi elettroniċi meħtieġa għall-applikazzjoni tal-Kodiċi	Bażi legali	Stadju ewlieni	Data tat-tnedija tas-sistemi elettroniċi	
			Id-data tal-bidu tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(1)</sup>	Id-data tat-tmiem tat-tieqa tat-tnedija tas-sistema elettronika <sup>(2)</sup> = Data tat-tmiem tal-perjodu tranżizzjonali
<p><b>14. L-aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni tal-KDU</b></p> <p>Il-proġett jimmira li jimplimenta r-rekwiżiti kollha tal-proċess u tad-dejta stipulati fil-KDU li huma relatati mal-qasam tal-importazzjoni (u li mhumiex koperti minn proġetti oħra definiti fil-Programm ta’ Ħidma). Jirrelata prinċipalment mal-bidliet lill-proċedura tar-“Rilaxx għal ċirkolazzjoni libera” (proċedura standard + simplifikazzjonijiet), iżda jkopri wkoll l-impatt li jirriżulta minn migrazzjonijiet oħra tas-sistema. Dan il-proġett jirrigwarda l-qasam tal-importazzjoni nazzjonali li jkopri d-dikjarazzjonijiet doganali nazzjonali tas-sistemi tal-ipproċessar kif ukoll sistemi oħra bħall-kontabilità nazzjonali u s-sistemi tal-ħlas.</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16(1) u l-Artikoli 53, 56, 77-80, 83-87, 101-105, 108-109, 158-187, 194-195 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membru	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali
<p><b>15. Żdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni (CCI) tal-KDU</b></p> <p>Dan il-proġett għandu l-għan li jippermetti li l-merkanzija titpoġġa taħt proċedura doganali bl-użu ta’ żdoganar ċentralizzat, li jippermetti lill-operaturi ekonomiċi jiċċentralizzaw in-negozju tagħhom minn perspettiva doganali. L-ipproċessar tad-dikjarazzjoni doganali u r-rilaxx fiżiku tal-merkanzija għandhom ikunu kkoordinati bejn l-uffiċċji doganali relatati. Il-proġett jikkonċerna sistema trans-Ewropea li fiha komponenti żviluppati ċentralment u nazzjonalment.</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 179 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q2 2018	1.10.2020	Il-pjan tal-implimentazzjoni għandu jiġi definit bħala parti mid-dokumentazzjoni tal-proġett CCI
<p><b>16. Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU</b></p> <p>Dan il-proġett għandu l-għan li jiżgura l-ġestjoni effettiva u effiċjenti tat-tipi differenti ta’ garanziji.</p> <p><i>Il-Komponent 1</i> — “GUM”: Dan il-proġett għandu l-għan li jkopri l-ġestjoni tal-garanziji komprensivi li jistgħu jintużaw fiżjed minn Stat Membru wieħed u l-monitoraġġ tal-ammont ta’ referenza għal kull dikjarazzjoni doganali, dikjarazzjoni supplimentari jew informazzjoni xierqa tad-dettalji meħtieġa għad-dħul fil-kontijiet għad-djun doganali eżistenti għall-proċeduri doganali kollha kif previst fil-Kodiċi Doganali tal-Unjoni, minbarra t-Tranżitu li huwa trattat bħala parti mill-proġett tal-NCTS.</p> <p><i>Il-Komponent 2</i> — “Ġestjoni tal-Garanzija Nazzjonali”: Barra minn hekk, is-sistemi elettroniċi eżistenti fil-livell nazzjonali għall-ġestjoni tal-garanziji validi fi Stat Membru wieħed għandhom jiġu aġġornati.</p>	L-Artikolu 6(1), l-Artikoli 16 u 89-100 tar-Regolament (UE) Nru 952/2013	Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = Q2 2018 (il-komponent 1)	1.10.2020 (il-komponent 1)	1.10.2020 (il-komponent 1)
		Data fil-mira tal-ispeċifikazzjonijiet tekniċi = għandha tiġi definita mill-Istat Membru (il-komponent 2)	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali (il-komponent 2)	Għandha tiġi definita mill-Istati Membri bħala parti tal-pjan nazzjonali (il-komponent 2)



Proġetti tal-KDU relatati mas-sistemi elettroniċi	Dati tat-tnedija/Twieqi tat-tnedija	S1 2016	S2 2016	S1 2017	S2 2017	S1 2018	S2 2018	S1 2019	S2 2019	S1 2020	S2 2020
4. Aċċess dirett min-negożjanti għas-Sistemi tal-Infurmazzjoni Ewropej (Ġestjoni uniformi tal-utenti u firma diġitali)	2.10.2017										
5. Aġġornament tas-Sistema tal-Operaturi Ekonomiċi Awtorizzati (AEO) tal-KDU	1.3.2018 (il-fażi 1) 1.10.2019 (il-fażi 2)					Il-fażi 1			Il-fażi 2		
6. Aġġornament tas-Sistema ta' Reġistrazzjoni u Identifikazzjoni tal-Operatur Ekonomiku tal-KDU (EORI 2)	1.3.2018										
7. Sorveljanza 3 tal-KDU	1.10.2018										
8. Prova ta' Status tal-Unjoni tal-KDU (PoUS)	1.3.2019–1.10.2019										
9. Aġġornament tas-Sistema Ġdida ta' Tranżitu Kompjuterizzata (NCTS) tal-KDU	1.10.2019–2.3.2020										
10. Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) tal-KDU — Il-komponent 1: AES trans-Ewropea	1.10.2019–2.3.2020										
10. Sistema Awtomatizzata tal-Esportazzjoni (AES) tal-KDU — Il-komponent 2: Aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali ta' Esportazzjoni	1.3.2017–2.3.2020										
11. Dokumenti bit-Tagħrif Ewlieni (INF) tal-KDU għal Proċeduri Speċjali	2.3.2020										
12. Proċeduri Speċjali tal-KDU — Il-komponent 1: SP EXP nazzjonali	ippjanar nazzjonali 1.3.2017-2.3.2020 - ara wkoll il-proġett 10					SP EXP	SP EXP	SP EXP	SP EXP	SP EXP	SP EXP

Proġetti tal-KDU relatati mas-sistemi elettroniċi	Dati tat-tnedija/Twieqi tat-tnedija	S1 2016	S2 2016	S1 2017	S2 2017	S1 2018	S2 2018	S1 2019	S2 2019	S1 2020	S2 2020
12. Proċeduri Speċjali tal-KDU — Il-komponent 2: SP IMP nazzjonali	ippjanar nazzjonali għall-SP IMP - ara wkoll il-proġett 14	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP	SP IMP
13. Notifika tal-wasla tal-KDU, notifika ta' preżentazzjoni u ta' ħażna temporanja	ippjanar nazzjonali										
14. L-aġġornament tas-Sistemi Nazzjonali tal-Importazzjoni tal-KDU	ippjanar nazzjonali										
15. Żdoganar Ċentralizzat għall-Importazzjoni (CCI) tal-KDU	1.10.2020 — pjan ta' implimentazzjoni										
16. Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU — Il-komponent 1: GUM trans-Ewropea	1.10.2020–1.10.2020										
16. Sistema tal-Ġestjoni tal-Garanzija (GUM) tal-KDU — Il-komponent 2: Ġestjoni tal-Garanzija Nazzjonali	ippjanar nazzjonali										
17. L-aġġornament tas-Sistema tal-Kontroll tal-Importazzjoni (ICS 2) tal-KDU	1.10.2020 — pjan ta' implimentazzjoni										